Insostenn tal-talba tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata tikser id-drittijiet fundamentali tagħhom, inklużi d-drittijiet tad-difiża, id-dritt għal smigħ xieraq, id-dritt li ma jinkriminawx lilhom infushom, il-preżunzjoni ta' innoċenza u d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata. Barra minn hekk, fl-implementazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni marret lil hinn mill-iskop tal-istħarriġ.

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat; ĠU L 1, p. 1

Rikors ippreżentat fis-7 ta' April 2009 — Il-Kummissjoni vs Galor

(Kawża T-136/09)

(2009/C 141/102)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A.-M. Rouchaud-Joët, F. Mirza, aġenti, assistiti minn B. Katan u M. van der Woude, avukati)

Konvenut: Benjamin Galor (Jupiter, United States of America)

Talbiet tar-rikorrenti

— tordna lil B. Galor iħallas lill-Komunità EUR 205 611 flimkien mal-interessi statutorji skont l-Artikolu 6119 tal-Kodiċi Ċvili Olandiż mill-1 ta' Marzu 2003 sad-data li fiha l-Komunità tkun irċeviet il-ħlas kollu;

— tornda lil B. Galor iħallas lill-Komunità l-interessi statutorji skont l-Artikolu 6119 tal-Kodiċi Ċivili Olandiż fuq EUR 9 231,25 mit-2 ta' Settembru 2003 (jew, sussidjarjament, mill-10 ta' Marzu 2007) sad-data li fiha l-Komunità tkun irċeviet il-ħlas kollu;

— tikkundanna lil B. Galor għall-ispejjeż tal-kawża preżenti, stmati b'mod provvisorju għal EUR 17 900, flimkien mal-interessi statutorji skont l-Artikolu 6119 tal-Kodiċi Ċivili Olandiż mid-data tas-sentenza sad-data li fiha l-Komunità tkun irċeviet il-ħlas kollu

Motivi u argumenti prinċipali

Fit-23 ta' Diċembru 1997, il-Komunità Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni daħlet fil-kuntratt IN/004/97 mal-Prof. Benjamin Galor u tliet kumpanniji għall-implementazzjoni tal-proġett "Self-Upgrading of Old-Design Gas Turbines in Land & Marine Industries by Energy-Saving Clean Jet-Engine Technologies" taħt l-attivitajiet Komunitarji fil-qasam tal-enerġija mhux nukleari (1). Permezz ta' dan il-kuntratt, il-Kummissjoni għamlet ħlas minn qabel tal-kontribuzzjoni tagħha għall-proġett lill-kuntratturi. Il-ħlas ġie rċevut mill-mexxej tal-proġett Prof. Benjamin Galor.

Minħabba raġunijiet marbutin ma' xi diffikultajiet għall-partijiet kontraenti sabiex isibu kontraent assoċjat għall-proġett u peress li ma kien hemm ebda progress fl-implementazzjoni tal-proġett, il-Kummissjoni ddeċidiet li tħassar il-kuntratt. Fl-ittra tagħha lill-partijiet kontraenti, il-Kummissjoni speċifikat li l-kontribuzzjoni Komunitarja setgħat biss titħallas (jew tinżamm mill-partijiet kontraenti) sa fejn kienet relatata mal-proġett u ġġustifikata permezz tar-rapport tekniku u finanzjarju finali.

Ir-rapport finali ppreżentat mill-partijiet kontraenti ma ġiex approvat mill-Kummissjoni u l-Kummissjoni bdiet il-proċedura għall-irkupru tal-ħlas minn qabel.

Fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni ssostni li l-konvenut ma ħallasx lura l-ammont li rċieva, iżda minflok talab li l-Kummissjoni tħallsu kontribuzzjoni prevista taħt il-kuntratt li minnha kellu jitnaqqas il-ħlas minn qabel. Barra minn hekk, il-konvenut beda proċedimenti legali quddiem il-qrati Olandiżi sabiex jirkupra dan l-ammont. Il-ġurisdizzjoni tal-qrati Olandiżi ġiet ikkontestata mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-klawżola ta' ġurisdizzjoni fil-kuntratt li tindika lill-Qorti tal-Prim'Istanza bħala l-qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi kwalunkwe kawża bejn il-partijiet kontraenti.

Fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni titlob l-irkupru tal-flus imħallsin minn qabel. Il-Kummissjoni ssostni li setgħat tħassar il-kuntratt bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt peress li l-konvenut kiser l-obbligi kuntrattwali tiegħu billi, *inter alia*, kien għadda żmien twil sakemm ingħata bidu għall-proġett u ma kien hemm ebda progress, il-konvenut ma rnexxielux isib il-mezzi tekniċi neċessarji għar-riċerka li għaliha ġew ipprovduti l-fondi u r-rapporti tekniċi u finanzjarji ma ssosdifawx l-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li hija intitolata titlob il-ħlas lura tal-ħlas minn qabel.

(1) Deċiżjoni tal-Kunsill 94/806/KE tat-23 ta' Novembru 1994 li tadotta programm speċifiku għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, inkluża d-dimostrazzjoni, fil-qasam tal-enerġija mhux nukleari (1994-1998) ĠU L 334, 22.12.1994, p. 87

Rikors ippreżentat fit-8 ta' April 2009 — Franza vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-139/09)

(2009/C 141/103)

Lingwa tal-kawża: Il-Frانċiż

Partijiet

Rikorrenti: Ir Repubblika Franċiża (rappreżentanti: E. Belliard, G. de Bergues u A.-L. During, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 2003 finali tat-28 ta' Jannar 2009 dwar il-pjanijiet ta' kontinġenza fissettur tal-frott u l-ħaxix implementati fi Franza, inkwantu hija tirrigwarda l-parti tal-azzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-pjanijiet ta' stħarriġ li kienet ġiet iffinanzjata min-naħa tal-professjonisti.

— Sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti tal-Prim'Istanza tqis li din it-talba għall-annullament parzjali mhijiex ammissibbli, tannulla totalment id-Deċiżjoni C(2009) 2003 finali;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti titlob l-annullament parzjali tad-Deċiżjoni C(2009) 203 finali ([1]) tal-Kummissjoni tat-28 ta' Jannar 2009, li biha l-Kummissjoni kienet iddikjarat inkompatibbli mas-suq komuni għajnuna mill-Istat mogħtija mir-Repubblika Franċiża lill-produtturi ta' frott u ħaxix fil-kuntest ta' "pjan ta' kontinġenza" intiż sabiex jiffaċilita l-kummerċ ta' prodotti agrikoli mkabbra fi Franza.

Ir-rikorrenti titlob l-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn il-Kummissjoni kienet qieset li l-miżuri mogħtija lill-produtturi ta' frott u ħaxix jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, għalkemm dawn il-miżuri huma parzjalment iffinanzjati minn kontribuzzjonijiet volontarji ta' professjonisti ma jikkostitwixxux, skont ir-rikorrenti, riżorsi tal-Istat jew imputabbli għall-Istat.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti ssostni żewġ motivi bbażati fuq:

— ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, inkwantu l-Kummissjoni ma ġġustifikatx l-estensjoni tal-klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat għal miżuri ffinanzjati minn kontribuzzjonijiet volontarji ta' professjonisti tas-settur ikkonċernat;

— żball ta' liġi, billi l-Kummissjoni kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat miżuri ffinanzjati minn riżorsi privati mħallsa volontarjament u mingħajr intervent tal-Awtorità Pubblika. Dawn il-miżuri ma jistgħux jiġu meqjusa bħala vantaġġi mogħtija permezz ta' riżorsi mill-Istat.

([1]) Dan huwa n-numru indikat fis-sentenza kkontestata, filwaqt li r-rikorrenti tagħmel riferiment b'mod konsistenti għan-numru C(2009) 2003 finali.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' April 2009 — Prysmian, Prysmian Cavi e Sistemi Energia vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-140/09)

(2009/C 141/104)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Prysmian SpA (Milan, l-Italja), Prysmian Cavi e Sistemi Energia Srl (Milan, l-Italja) (rappreżentanti: A. Pappalardo, avvocato, F. Russo, avvocato, M. L. Stasi, avvocato, C. Tesauro, avvocato)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tad-9 ta' Jannar 2009 li permezz tagħha l-Kummissjoni ordnat li jsiru l-ispezzjonijiet (Każ COMP/39610 — Surge).

— tiddikjara li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħmel kopja tal-kontenut kollu tal-ħard disks ta' ċerti diretturi ta' Prysmian u li jiġi analizzat il-kontenut tagħhom fl-uffiċċji tagħha fi Brussell hija illegali u tikser l-Artikolu 20(2) tar-Regolament Nru 1/2003.

— alternattivament, fir-rigward ta' dak li ntalab fil-punt preċedenti, tiddikjara li l-aġir tal-ispetturi hija abbużiv sa fejn, billi interpretaw b'mod żbaljat is-setgħat ta' ispezzjoni mogħtija lilhom mid-deċiżjoni, kisbu kopja tal-kontenut kollu ta' ċerti ħard disks bil-għan li jivverifikaw il-kontenut tagħhom fl-uffiċċji tal-Kummissjoni fi Brussell.

— tordna lill-Kummissjoni sabiex trodd lura lil Prysmian id-dokumenti kollha miksuba b'mod illegali matul l-ispezzjoniijiet li saru fi ħdan is-sede ta' Milan jew mill-kopji tal-ħard disks analizzati ġewwa l-uffiċċji tal-Kummissjoni fi Brussell.

— tinnotifika lill-Kummissjoni sabiex b'ebda mod ma tuża d-dokumenti miksuba illegalment u, b'mod partikolari, sabiex ma tużahomx matul il-proċeduri mibdija sabiex jiġi vverifikat l-allegat aġir antikompetittiv fis-settur tal-kejbils tal-elettriku bi ksur tal-Artikolu 81 KE.

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Dan ir-rikors huwa bbażat fuq id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Jannar 2009, intiża sabiex tivverifika l-eżistenza eventwali ta' aġir antikompetittiv fis-settur tal-kejbils tal-elettriku bi ksur tal-Artikolu 81 KE, u li permezz tagħha r-rikorrenti ġew ordnati li jissuġġettaw rwieħhom għal ispezzjoni skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat ([1]).

Għandu jiġi enfasizzat f'dan ir-rigward li, fil-fażi tal-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni ir-rappreżentanti tar-rikorrenti kienu ġew infurmati li l-konvenuta kienet iddeċidiet li tipproduċi kopja konformi ("forensic image") tal-ħard disks ta' ċerti kompjuters, sabiex tkompli r-riċerka fl-uffiċċji tal-Istituzzjoni fi Brussell.

Insostenn tat-talbiet tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu:

— li r-Regolament Nru 1/2003 jipprovdi espressament li s-setgħat ta' ispezzjoni għandhom jiġu eżerċitati fil-bini tal-impriża, fid-dawl tal-ipoteżi li l-bini jista' jiġi ssiġillat jekk l-ispezzjoni ddum iktar minn jum, kif ukoll li l-ebda dispożizzjoni legali ma tawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tagħmel kopja ta' ħard disks sħaħ, tohroġhom mill-bini tal-impriża u tanalizza din id-dokumentazzjoni fl-uffiċċji tagħha stess.

— li l-konvenuta tawwlet b'mod indebitu t-tul ta' żmien tal-ispezzjoni għal madwar xahar, fejn qiegħdet lir-rikorrenti f'ożżjoni ta' inċertezza fir-rigward tal-portata reali tal-investigazzjonijiet.

— li l-Kummissjoni saħansitra pprekludiet għal xi ġimgħat li tiġi evalwata, b'għarfien sħiħ tal-fatti, l-eventwalità li ssir talba għall-ammissjoni fil-programm ta' Klemenza.

— li l-aġir akkużat fil-konfront tal-konvenuta jikkostitwixxi ksur evidenti tal-limiti li l-leġiżlatur Komunitarju impona fuq il-poteri ta' ispezzjoni tiegħu, li jista' jikkomprometti b'mod sinjifikattiv il-possibbiltajiet ta' difiża tal-impriżi suġġetti għall-ispezzjoni.

([1]) ĠU 2003 L 1, p. 1